# DUN ĠWANN GRECH U L-EWWEL SKOLA FIL-GUDJA

*Kitba tal-Kan. Dun Joe Abela, B.A., Lic.D., H.E.L.*

1. **Kienet drawwa li xi qassis jiftaħ skola fil-parroċċa tiegħu**
2. **Fis-seklu 18 Dun Ġwann kien jgħallem il-lingwi lit-tfal tal-Gudja**
3. **Kien biss 100 sena wara li l-Gvern beda jaħseb fl-Edukazzjoni fil-Gudja**
4. **Il-Gudja ta' żmien Dun Ġwann Grech**

Fuq talba li hu għamel lill-Isqof ta' Malta, Mons. Paolo Alpheran de Bussan (1728 – 57), il-qassis Gudjan Dun Ġwann Grech ingħata l-permess nhar it-30 t'April 1735 mill-awtorita' tal-Knisja f'Malta biex jiftaħ skola fil-parroċċa tiegħu tal-Gudja. Wisq probabbli li din kienet l-ewwel skola pubblika li qatt eżistiet fil-Gudja.

## It-Tagħlim dam ma daħal f'Malta

It-tagħlim ta' l-iskola dam ħafna ma daħal fil-Gudja, bħalma dam tista' tgħid fil-bqija ta' Malta, għaliex sas-sekli 14 u 15 it-tagħlim kien kważi ineżistenti fil-Gżejjer Maltin. Eluf ta' snin ilu, meta missirijietna kienu rgħajja, bdiewa u kaċċaturi, huma kienu jgħixu fl-għerien u l-għerejjex! Meta iżda waslu l-għodda huma saru bennejja gwappi, u dan jixhduh it-tempji rinomati taż-Żmien Neolitiku, bħal Ħaġar Qim u l-Imnajdra. Mal-miġja tal-Feniċi tgħallmu jagħmlu d-dgħajjes, billi jħaffru z-zkuk tas-siġar. Sbieħ ħafna huma l-fdalijiet taċ-ċeramika, bħall-imsiebaħ u buqari, li missirijietna kienu kapaċi jagħmlu. Kienu dawn fost l-ewwel skejjel tas-snajja' li kellna f'Malta. Għaddew mijiet ta' snin, u fis-sena 870 W.K. ġew l-Għarab li ħallewlna, barra l-Ilsien Malti, l-ismijiet - toponomija - ta' kważi l-irħula, l-ibliet, il-widien, l-għoljiet u d-daħliet tal-baħar kollha tal-Gżejjer Maltin. Ma' dawn ninkludu l-isem "Gudja", kif ukoll "Bir Miftuħ", "Ħal-Resqun", "Ħal-Ġawhar", Ħal-Tlun", biex inkunu semmejna xi ftit ismijiet ta' nħawi marbutin mal-Gudja. Fiż-Żmenijiet tan-Nofs il-ftit nies li f'Malta kienu jafu daqsxejn skola, barra ftit qassisin - li kienu joqogħdu fl-Imdina, ħafna 'l bogħod mill-Gudja - kienu Lhud, li mas-sinagoga kien ikollhom skola għat-tfal tagħhom. Aktarx li Lhud kienu jkunu l-ftit tobba u xi spiżjar 'l hawn u 'l hinn li kien hawn Malta. Il-Lhud kellhom flus biżżejjed biex lil uliedhom jibagħtuhom jistudjaw fi Sqallija.

## Il-Miġja ta' l-Ordnijiet Reliġjużi

L-ewwel pass serju fl-Istorja ta' l-Edukazzjoni f'Malta sar bil-miġja fostna ta' l-Ordnijiet Reliġjużi (1370 – 1495). Il-Franġiskani Konventwali ġew Malta fl-1370 u bnew l-isptar ta' Santu Spirtu fir-Rabat; il-Karmelitani waslu hawn fl-1418 u bnew il-knisja tal-Lunzjata fil-limiti tar-Rabat; warajhom ġew l-Agostinjani fl-1450 u ssetiljaw barra l-Imdina; bħalhom għamlu d-Dumnikani (1461) li bnew maqdes fil-post tal-Madonna ta' l-Għar; il-Patrijiet "Ta' Ġieżu" waslu Malta fl-1492. Dawn ir-Reliġjużi fetħu skejjel żgħar, iżda kif wieħed jistenna, kollox kien ikkonċentrat fl-Imdina, il-belt kapitali ta' dak iż-żmien, u fir-Rabat, is-subborg ta' l-Imdina. Il-Gudja kienet wisq 'il bogħod! Dawn l-iskejjel żgħar tagħhom fetħuhom jew min rajhom jew b'xi ftit għajnuna tal-Kunsill Popolari ta' l-Imdina, li kien, sa ċertu punt, il-Gvern ta' Malta ta' dak iż-żmien.

## L-Iskola ta' l-Imdina

Fis-seklu 15 il-Kunsill ta' l-Imdina fetaħ skola ċkejkna tiegħu. Fl-Atti tal-laqgħa li saret fl-1461, *super facta magistri scolarum,* naqraw li l-għalliem, li kellu jiġi *qui venturus est*, kellu jitħallas erbat ewieq fis-sena. Fl-1467 l-għalliem, *magister scola Universitatis* (din mhix

l-Universita' tagħna!) kien jismu Ġwanni ta' Guevara, u kien imħallas, barra mill-Kunsill Popolari, mill-Katidral u mill-Isqof ukoll. Fl-istess sena l-istudent Antonio de Surdo ngħata l-għajnuna finanzjarja ta' 6 ewieq biex imur jistudja fi Sqallija. Għandna hawn l-ewwel borża ta' studju (*scholarship*). Fl-1479 Zilio de Lia ma riedx jgħallem aktar jekk ma jitħallasx – *non vult regere scolas nisi detur sibi aliquid salarium* – għandna hawn probabbilment l-ewwel *strike* fi skola! Ikollok tgħid, "Mela l-edukazzjoni minn dejjem kienet is-sindirella fil-*budget* tal-Gvernijiet Maltin?" Jidher li ta' spiss il-Kunsill kien jiltaqa' ma' diffikultajiet biex iħallas lill-għalliema. Fl-1525 l-għalliem telaq 'il barra u l-Kunsill kellu jġib ieħor minn Sqallija, biex it-tfal ma jibqgħux jiġġerrew barra fl-Imdina. Wara ftit beda wkoll, dejjem fl-Imdina, xi tagħlim għaż-żgħażagħ. Fl-1537 ġew ivvutati 20 uqija biex iġibu għalliema tajba minn Sqallija; kellhom jagħmlu taxxa fuq il-kbarat, in-nobbli u l-professjonisti. Iżda nistgħu ngħidu li kien il-bidu tat-tagħlim sekondarju f'Malta. Ma jfissirx li ma kellhomx inkwiet. Per eżempju, fl-1555 Dun Andrea Axiak ġie mixli li kien qed jagħti tagħlim eretiku. Fl-istess żmien infetħet skola oħra fil-Birgu, li fl-ewwel snin tal-Kavallieri, li ġew Malta fl-1530, kien beda jsir iċ-ċentru l-aktar importanti ta' Malta. Kienet skola ta' livell għoli ħafna, tant li l-istudenti kienu jistudjaw fuq il-kotba ta' Ċiċerun, Terenzju u Erasmus, barra l-Kotba Mqaddsa. Iżda kollox tar mar-riħ bl-akkuża li saret lil Axiak u bl-Assedju l-Kbir tal-1565.

### Sitwazzjoni fil-Gudja fis-seklu 16

It-tagħlim fil-Gudja fis-seklu 16 nistgħu ngħidu li kien kważi ineżistenti, tneħħi forsi l-ftit qassisin li kien hawn, li kont tgħoddhom fuq is-swaba ta' idek il- waħda, li kienu jafu daqsxejn Taljan u ftit Latin. Fl-1575, fil-Viżta Appostolika li hu għamel lil Malta, Mons. Pietru Dusina lmenta dwar il-qassisin li ma kenux jafu Latin biżżejjed. Issa l-Latin kien il-lingwa li biha kienu jirreċitaw il-brevjar, iqaddsu l-Quddiesa u jamministraw is-Sagramenti. Kellu jkun Mons. Dusina li ordna lill-kappillan ta' Bir Miftuħ, Dun Leonardo Micallef, biex jibda jżomm ir-reġistri tal-Magħmudija, Żwieġ u Dfin. Biex wieħed isir qassis, ried jew jistudja individwalment għand qassis ieħor, inkella jekk ikun jista' jħallas, isiefer barra minn Malta, l-aktar fi Sqallija, u aktarx li jiġi ordnat saċerdot hemmhekk. Fil-Gudja, li allura dak iż-żmien kienet tinkludi lil Ħal-Tarxien, Ħal-Kirkop, Ħal-Safi, l-Imqabba u Ħal-Luqa, kien joqogħdu kważi elfejn ruħ, iżda meta dawn bdew jinfirdu minnha fl-1592, naturalment il-popolazzjoni tal-Gudja naqset ħafna fin-numru. Skola wkoll kienu jafu xi ftit tobba u nutara li kellhom xogħol ġmielu, għaliex peress li l-Maltin ma kenux nies ta' skola, għall-iċken ħaġa li kien ikollhom, kienu jinqdew bin-nutara għall-kuntratti tagħhom.

### Kulleġġi ta' Studju

Il-Ġiżwiti fetħu l-ewwel Kulleġġ tagħhom fil-Belt Valletta fl-1602, fejn sa ftit snin ilu kien hemm l-Universita' l-Qadima fi Triq San Pawl. L-Ordni tal-Kavallieri fetħet Skola Medika fl-1673, u s-Seminarju, biex fih jistudjaw il-qassisin, fetaħ fl-1703. Iżda l-iskejjel, ukoll



*Il-faċċata tal-Kulleġġ tal-Ġiżwiti, Belt Valletta, c. 1647*

żgħar, fil-kampanja bdew bil-mod wisq. Il-Gudja ma kinitx viċin iċ-ċentru ta' l-amministrazzjoni tal-Gvern, u allura l-ġenituri Gudjani, bħal ġenituri ta' rħula oħrajn, ma kenux jaraw il-ħtieġa li jgħallmu l-iskola lil uliedhom. Is-subien kienu jgħinu lil missirijiethom fix-xogħol tar-raba', u l-bniet lil ommijiethom fix-xogħol tal-qoton fid-dar. Il-qoton kien jipprovdi l-għixien lil ħafna familji Gudjani. Barra minn hekk, ħafna rġiel Gudjani bdew isibu impjieg fuq ix-xwieni ta' l-Ordni jew fis-sibi (piraterija). Ma rridux ninsew li l-Port ta' Marsaxlokk jinsab viċin ħafna tal-Gudja. L-Ordni kienet tipprovdi wkoll ħafna xogħol fil-proġetti tagħha ta' kostruzzjoni, bħal swar, knejjes u palazzi. Nistgħu ngħidu li din is-sitwazzjoni kompliet teżisti wkoll matul is-seklu 17 u l-bidu tas-seklu 18.

## Sinjali ta' Tagħlim fis-Seklu 18

Iżda kif tfaċċa s-seklu 18 nibdew naraw diversi sinjali ta' tagħlim fil-Gudja. Hu żmien per eżempju, meta l-Fratellanzi, li kienu l-uniċi għaqdiet eżistenti tal-lajċi, kienu jżommu regolarment ir-reġistri għal-laqgħat tagħhom u l-ispejjeż li kienu jagħmlu. Kien ikollhom ir-retturi u s-segretarji li kienu jniżżlu fedelment kollox. Kienu jiktbu bit-Taljan, filwaqt li l-kappillan kien juża wkoll xi ftit Latin. Fil-bidu tas-seklu 18 il-Malti ma kien jintuża kważi xejn għall-kitba, għaliex il-kitba bil-Malti ma kinitx mgħallma. Fost il-pijunieri favur il-kitba bil-Malti, niltaqgħu ma' Agius de Soldanis u Mikiel Anton Vassalli, iżda dawn ġew aktar tard. Fis-sena 1656 il-Gudjani bdew jibnu l-knisja parrokkjali tal-lum bil-ħidma tal-kappillan Dun Ġwann Gatt u fuq pjanta tal-magħruf Tomaso Dingli. Ix-xogħol tal-bini ntemm fl-1666, u allura fil-bidu tas-seklu 18, il-knisja ta' Bir Miftuħ ma kinitx qed tintuża bħala knisja parrokkjali. Dun Bernardino Dingli dam kappillan tal-Gudja mill-1688 sa l-1721, meta laħaq kappillan Dun Marcello Gatt, li dam imexxi l-knisja tal-Gudja sal-1736. Kien fi żmien Dun Marcello li nafu fiż-żgur li kien hawn skola pubblika fil-Gudja. Din l-iskola nfetħet bis-saħħa tal-kleru.

## Kontribut tal-Knisja f'Malta fil-Qasam ta' l-Edukazzjoni

Hu importanti ħafna l-kontribut li tat fil-qasam ta' l-Edukazzjoni l-Knisja f'Malta. Biex qassis jiftaħ skola kien jeħtieġ permess mingħand l-Isqof ta' Malta. Dan il-Knisja kienet tagħmlu, biex tkun ċerta li f'dawn l-iskejjel jingħata tagħlim tassew Nisrani. Il-Knisja kienet ukoll tissorvelja s-suġġetti li jiġu mgħallma u l-post fejn l-applikant ikun se jagħti l-lezzjonijiet tiegħu. Il-maġġoranza ta' dawn l-iskejjel kienu mmexxija mill-qassisin tal-post. U dan jixhduh il-ħafna talbiet li hemm fl-Arkivji tal-Kurja, il-Furjana, fejn il-qassisin jitolbu l-liċenzja ta' l-Isqof tagħhom biex jiftħu skola. Dan il-kontribut tal-kleru qiegħed ukoll jiġi rikonoxxut fi żmienna, meta qed naraw li ħafna skejjel fil-Gżejjer Maltin qed jissemmew għal xi qassisin li fl-imgħoddi kienu fetħu skejjel fil-parroċċi tagħhom. Illum ma nistgħux ngħidu li dawn l-iskejjel kollha laħqu xi livell għoli ta' l-edukazzjoni, iżda kienu jipprovdu tagħlim



*Il-M.U.S.E.U.M. tas-Subien li qabel kien skola tal-Gvern*

varjat lil numru limitat ta' studenti li kienu jattendu. Kienu jinkludu suġġetti ta' livell elementari, iżda ġieli wkoll ta' livell sekondarju. Kienu jgħallmu xi lsien barrani, bħat-Taljan, u mhux l-ewwel darba l-Għarbi wkoll. Fl-1588 kien hawn diġa' sebgħa minnhom, imqassmin ħamsa fil-Belt Valletta u tnejn fl-Isla. Sas-sena 1644 telgħu għal għoxrin. U hekk baqgħu jiżdiedu u jinfetħu fl-ibliet u rħula ta' Malta u Għawdex. Naturalment fl-irħula bdew jinfetħu aktar tard milli fl-ibliet, fejn aktar kienet tinħass il-ħtieġa tat-tagħlim.

## It-Twelid fil-Gudja ta' Ġanni Grech

Nhar it-2 t'Ottubru, 1689, Dun Marcell Gatt bierek fil-parroċċa tal-Gudja ż-żwieġ bejn il-Gudjana Maria Buttigieg, bint Duminku u Ġużeppa, u Mario Grech, minn Ħal-Kirkop, iben Xandru u Maria. Dun Marcell Gatt, li aktar tard sar hu stess kappillan tal-Gudja (1721 – 36) assista għal dan iż-żwieġ bil-permess tal-kappillan tal-Gudja Dun Bernardino Dingli (1688 – 1721). Dan il-kappillan, li kien minn Ħ'Attard, kien fetaħ skola fil-Belt Valletta fl-1668. Iż-żewġ xhieda f'dan iż-żwieġ kienu Ġużeppi u Salvu Testaferrata (1). Naturalment, il-koppja Grech li għammru fil-Gudja, kellhom aktar minn tarbija waħda, iżda lilna l-aktar li jinteressana hu ċ-ċkejken Ġanni li tweldilhom nhar it-30 ta' Diċembru, 1710, u ġie mgħammed fil-knisja parrokkjali tal-Gudja mill-kappillan Dun Bernardino Dingli nhar l-1 ta' Jannar, 1711 (2). Għaddew ftit tas-snin u ż-żagħżugħ Ġanni Grech tħajjar isir saċerdot. Waslet is-sena 1728 u missieru Mario għamillu patrimonju sagru, jiġifieri tah xi proprjeta' li, fost beni oħra, kienet tinkludi dar f'Ħal-Kirkop, biex isir qassis (3). Ma ninsewx li missieru Mario Grech kien minn Ħal-Kirkop. Il-Knisja kienet tesiġi li biex seminarista jiġi ordnat qassis, ried ikollu xi mezz ta' għixien qabel jordna saċerdot, biex hekk ikun jista' jiddedika ħajtu għas-servizz pastorali. Din id-dar ta' Ħal-Kirkop kienet stmata mill-periti tal-Knisja li tiswa 100 *scudi* u tirrendi 3 *scudi* fis-sena (4). Bis-saħħa t'hekk Ġanni Grech ġie ordnat saċerdot. Fl-1738 hu biddel il-patrimonju u fl-1744 reġa' għamel rikors ieħor lill-Isqof. Iżda qabel dan kollu, Dun Ġwann Grech, il-qassis Gudjan, għamel talba wisq aktar importanti u fejjieda għat-tfal tal-Gudja.

## Dun Ġwann jiftaħ skola fil-Gudja

Dun Ġwann talab lill-Isqof ta' Malta, li dak iż-żmien kien Mons. Paulus Alpheran de Bussan (1728 – 57), permess biex jiftaħ skola għat-tfal tal-Gudja. It-talba tiegħu ġiet mill-ewwel milqugħa mill-Isqof u l-permess ħariġlu nhar it-30 t'April, 1735 (5). F'din it-talba tiegħu *Don Giovanni Grech di Casal Gudia* talab *con ogni ossequio* lill-Isqof permess biex hu jkun jista' *tenere in detto casale scuola pubblica ed in quella insegnare la grammatica e altre lettere umane* (6). Biex ingħatalu l-permess, Dun Ġwann kellu l-ewwel jagħmel fl-istess ġurnata professjoni tal-Fidi Nisranija quddiem ix-xhieda Don Hieronymus Gauci u Aloysius Muscat. Dan il-Knisja kienet tesiġih biex żgur it-tfal jingħataw tagħlim tassew Nisrani. Sa fejn naf



*Dar privata fi Triq Santa Katerina li fiż-żmien kienet l-ewwel skola tas-Sorijiet tal-Karità.*

jien, l-iskola li Dun Ġwann Grech fetaħ fil-Gudja kienet l-ewwel skola pubblika f'din il-parroċċa. U hawn jidħol il-mertu kbir ta' dan il-qassis, li allura kien il-pijunier fl-istorja twila ta' l-edukazzjoni u t-tagħlim fil-Gudja.

## L-Iskola ta' Dun Ġwann

Ovvjament l-iskola li fetaħ Dun Ġwann m'għandhiex x'taqsam ma' l-iskejjel li jeżistu fil-Gudja fi żminijietna, fejn għandna skola kbira tal-Gvern u l-iskola tas-Sorijiet tal-Karita'. Kienet wisq iżgħar u t-tagħlim li Dun Ġwann kien jagħti lill-istudenti tiegħu Gudjani kien wisq aktar limitat. Fi żmien Dun Ġwann kienu jgħixu fil-Gudja mhux aktar minn 650 persuna. Jekk minn dawn tnaqqas il-kbar, miżżewġin u l-anzjani, it-tfal żgħar wisq biex imorru l-iskola, u wisq probabbli wkoll lill-ġuvintur u x-xebbiet, ma jibqax aktar minn 150 tfal ta' l-eta' ta' l-iskola. U jekk minn dan in-numru tneħħi l-bniet, li kienu jippreferu jibqgħu d-dar m'ommhom, in-numru jkompli jinżel għal madwar 70! Jiġifieri l-iskola ta' Dun Ġwann kienet tikkonsisti biss fi klassi waħda, jew forsi tnejn, b'mhux aktar minn 30 tifel li jistudjaw. Dun Ġwann kien jagħmel kollox waħdu; ma kellu 'l ħadd li jgħinu biex jgħallem. U s'intendi l-iskola tiegħu ma kenitx obbligatorja bħalma hi llum. Kienu jattendu biss dawk it-tfal li l-ġenituri tagħhom kienu japprezzew it-tagħlim. Żgur li barra r-Reliġjon Nisranija, kien jgħallem ukoll it-Taljan.

## Mewt ta' Dun Ġwann

Dun Ġwann għex ħajja twila ġmielha għal dak iż-żmien, meta l-maġġoranza tan-nies kien jmutu meta jagħlqu l-40 jew il-50 sena. Hu miet ta' 73 sena. Laħaq ra fil-Gudja lil Dun Ġwann Barbara jibni mill-ġdid il-knisja tal-Lunzjata fl-1754. Laħaq ukoll il-famuża rewwixta tal-qassisin, immexxija minn Dun Gejtanu Mannarino u Dun Ġużepp Zahra, kontra l-miżuri ħorox tal-Gran Mastru Ximenes fl-1775, għalkemm m'għandna l-ebda tagħrif li hu ħa sehem f'din ir-rewwixta li saret fil-Belt Valletta u li falliet bl-ikrah. Dun Ġwann Grech miet fid-dar t'oħtu fl-*Urbe Speciosa* u ġie midfun fil-kannierja ta' Sta. Tereża (7), u mhux fil-Gudja nhar il-15 ta' Diċembru, 1783. Għal sentejn biss ma laħaqx ra l-konsagrazzjoni tal-knisja parrokkjali preżenti tal-Gudja, li saret mill-Isqof Labini fl-1785 fi żmien il-kappillan Dun Ġużepp Rafel Camilleri (1780 – 1808). Ftit żmien wara, bħal bqija ta' Malta, il-Gudja kienet tgħaddi minn tbatija kbira fil-Qawmien imdemmi tal-Maltin kontra l-Franċiżi, li diġa' kienu qed iħejju biex jiftħu 15-il skola f'Malta! Il-Gudjani, immexxija mill-qalbieni Filippu Castagna, urew kuraġġ kbir f'din il-gwerra. Meta miet Dun Ġwann Grech fl-1783, Filippu Castagna kien żagħżugħ ta' 18-il sena. Iżda din hi storja oħra!

Hi ħaġa xierqa li niftakru f'dan is-saċerdot Gudjan li ta sehem importanti fl-istorja tat-tagħlim fil-Gudja. Hawn Malta għandna t-tendenza li nfakkru spiss ismijiet ta' nies kbar li ħallew isem fuq skala nazzjonali, u nies oħra, kbar ukoll, iżda fuq skala parrokkjali, ninjorawhom għal kollox. Ejjew insellmu lil Dun Ġwann Grech, u nfakkru, b'mod speċjali fl-iskejjel tal-Gudja, li dan is-saċerdot li, snin kbar qabel kellna xi Gvern li ħaseb għat-tagħlim, kellu jkun hu li ta l-bidu għall-edukazzjoni fil-Gudja.

---

***Riferenzi:***

1. Arkivju Parrokkjali Gudja, Lib. Matr. III, p.39
2. A.P.G. Lib. Bapt. II, 1676 – 1739, p.101
3. Kurja ta' l-Arċisqof, Furjana, Patrimonji Sagri Vol. 37 H, nru. 20
4. Idem
5. Ibidem, *Suppliche*, Vol.5, 1714 – 41, p.704
6. Idem
7. A.P.G. Lib. Mort. IV, 1748 – 1880, p.133

***Biblijografija:***

Ronald G. Sultana, "Yesterday's Schools, Readings in Maltese Educational History", 2001

Joseph Mangion, "L-Istorja ta' l-Edukazzjoni f'Malta", 2000.

***Dokumentazzjoni:***

Fis-Sezzjoni *Suppliche*, Kurja, Furjana, issib riferenza għal numru kbir ta' skejjel miftuħa minn saċerdoti.

***Radd il-Ħajr:***

Mons. Carmelo Zammit, Kanċillier, Kurja ta' l-Arċisqof, Furjana
Kan. Evan Caruana, Kappillan tal-Gudja
Dun Ġużepp Busuttil, Arkivista, Kurja
Sur Lorenzo Zahra